# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tat-tlieta u erbgħin (43) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Erbgħa 1 ta' Frar, 2012 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati unanimament

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

**4.Starrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku pprezenta stqarrija li xtaq li tigi moqrija. Fuq l-ewwel li jixtieq isemmi. Li qegħda tiġi mehmuża hawn.

4.2. Is-Sur Salerno tkellem fuq ir-rapport tas-sleeping police li bgħatilna s-Sur Brincat għaliex qalilna li huma perikolużi u ssuġġerixxa li nbiddluhom u nagħmluhom tat-tarmac. Fi Triq San Pietru hemm tnejn li nistgħu inneħħuhom.

4.3. Bilanc ta' flus. Mario qal li għandna hafna flus x' niġbru. Stephen qal li fil-laqgħa ta' l-aħħar darba konna semmejna li l-allowance tal-Kunsilliera jistgħu jingħataw għalhekk xtaq li ssir korrezzjoni ta' dan il-punt.

4.4. Is-Sur Salerno tkellem fuq l-ATM fil-binja tal-Kunsill u qal li hu kellem lil Manager tal-branch taż-Żurrieq sabiex jgħina fuqha. Is-Sur Mizzi qal li ser jieħu ħsieba hu.

4.5. Open Day Centre – Is-Sindku qara l-ftehim li ser isir bejn il-Kunsill Lokali Ħal Kirkop u d-Departiment ta' l-Anzjani sabiex ikunu jistgħu jużaw il-premises tal-Kunsill darba fil-ġimgħa. Kulħadd qabel ma' dan il-ftehim u inbidlu affarijiet żgħar.

4.6. Family Hort – Is-Sur Salerno qal li issa spiċċa il-proġett u kull ma jonqos nibbindjaw ir-rapport u nagħmlu l-konferenza stampa.

4.7. Is-Sur Salerno qal li tkellimna ma' Graziella Galea sabiex jagħmlulna is-sinjali tat-toroq fit-toroq il-ġodda li saru. Hi qaltlu li ħarġu it-tenders u li wara isiru.

4.8. Rigward il-Mizura 125 Mario qal li applikajna għal sqaq ir-Ramlija u li bħalissa tinsab fl-evalwazzjoni. Mario qal li hu ser jibqa il-Vici President tal-Gal Xlokk u Rose hija l-Kunsilliera preżenti responsabbli għalhekk issa minn l-1 ta' April irid ikun hemm xi ħadd ieħor.

4.9. Is-Sindku qal li kellna laqgħa mac-Chairman tal-MEPA Austin Walker fejn qalilna li rigward il-bus shelters il-permessi ilhom li ħarġu minn l-14 ta' Diċembru għalhekk issa qegħdin f'idejn it-Transport Malta. Ħal Kirkop għandu allokati għalih 7 bus shelters. Issa tkellimna mas-Sur Kevin Zahra u qalilna li ser jibdew il-proċess biex jagħmluhom.

4.10. Miżuri 313 u 323 – Is-Sindku qal li l-permess ta' Pjazza Żernieq issa ġie approvat mil-KNPD u ser jinstema għal approvazzjoni fil-bord tal-MEPA f' Mejju. L-imtgħalli għandna l-permess tiegħu, sar il-Conservasion Management Plan u issa imiss li jinħareġ it-tender tax-xogħol ta' restawr. Rigward il-katakombi il-permess għadu lura għaliex il-MEPA talbitna rapport aktar dettaljat sabiex tkun tista tipproċessa l-permess.

4.11. UIF Funds – Is-Sindku qal li il-Kuntratt mal-UIF li sar f'Novembru issa intemm u il-perit għamel ir-rapport tal-bandli u daqt nircievu il-flus li jammontaw għal €12,400.

4.12. Is-Sindku tkellem fuq il-Proġett Pilota tat-toroq fejn reġgħu talbuna fiex wasalna u x'ħallasna s'issa. Erġajna bagħtnihomlom u issa tajjeb li nerġgħu insemmu li jonqosna x'nieħdu l-ammont ta' 142,000 biex inkunu nistgħu inkomplu. Dan skond il-ftehim li kellna fil-bidu li l-Gvern u d-Dipartiment joħorġu 80% u il-Kunsill 20% ta' l-ispejjeż.

Rigward Triq San Nikola is-Sindku qal li din ser issir minn naħa tal-Malta Enterprise bi ftehim mat-Trasport Malta bħala kumpens lejn Ħal Kirkop tal-inkonvenjent li sar meta kien qiegħed jinbena l-SR technics.

4.13. Is-Sur Salerno qal li l-proġett ta' l-ESF issa spiċċa u qiegħdin nagħlqu l-proġett bir-rapporti kollu meħtieġa. Is-Sindku qal li il-Kunsill jonqsu jieħu l-ammont ta' €10,000 tal-kofinanzjament minn għand id-Dipartiment.

4.14. Il-Proġett tal-LitusGo issa wasal biex jispiċċa wkoll u jonqos li nipprintjaw il-manwal u il-leaflets imbgħad għal aħħar t'April ikollna l-Final Partners meeting ġewwa Pafos f' Ċipru u ser jattendu propju hu  u s-Sur Ranier Busuttil.

4.15. Is-Sindku qal li il-Proġett tal-Housing issa wasal biex ikun lest ukoll u jonqosna niċċertifikaw ix-xogħol tal-cameras u tal-PVs. Imbgħad jinġabru l-invoices kollha u jingħaddew lil Housing biex iħallsu.

4.16. Laqgħa Ġenerali – Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Generali issir fil-Kunsill il-ġdid fis-sala ta' fuq. Bħala data ġiet mifthema nhar l-1 ta' Marzu.

4.17. Is-Sur Salerno għalaq l-istqarrija tiegħu billi irringrazzja lil Kunsill kollu. Is-Sindku qal li l-problemi li kellna kollha solvejnihom u dejjem imxejna b'armonija għal ġid ta' Ħal Kirkop. Is-Sur Salerno kompla u qal li importanti li fuq bażi ta' kunsill dejjem tinżam din l-armonija. Stephen estenda wkoll dan ir-ringrazzjament tax-xogħol li għamel is-Sindku Mario Salerno.

**5. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joseph Carbone**

5.1.1. Is-Sur Carbone beda biex qal li il-ħaddiema tagħna jistaw jibdew inaddfu imma mhux professjonali. Ghalhekk issuġġerixxa li inġibu quotes ta' min inaddaf sew lil kumpanniji privati.

Is-Sindku qal li aħna kif illestu bid-dawl u tindif nistgħu immorru bil-lest. Stephen qal li nagħmlu effort biex dan il-progett ninawgurah aħna. Ser naħdmu kollha biex inġibu d-dawl sal-gimgħa d dieħla u rigward il-lift Stephen qal ser ikellem lil Nicky tas-CPI huwa biex iħaffef.

Mario qal li jaqbel u tajjeb li naħdmu biex ninawgurawh sa l-aħħar ta' Frar.

Joe qal jixtieq li titwaħħal il-plakka ta' fejn ser nagħmlu l-innu ta' Ħal Kirkop fuqha. Kulħadd qabel li din tiġi ordnata u ssir tal-perspex. Stephen qallu li ilek tgħid mil-ewwel ġurnata u ilna ngħidulu li naqblu minn dak in-nhar.

5.1.2. Fuq Triq San Nikola, taċ-ċimiterju is-Sur Carbone staqsa fiex wasalna. Is-Sindku qal li hu issa għandu laqgħa biex jaraw kif id-Dipartiment ser jagħti €63,000 li għandhom ituh biex ikun jista jkompli.

Carbone kompla u qal li fuq Triq il-Gudja qed isir paroli u qed jistaqsu meta ha jkompluha. Is-Sindku qallu li dik l-istess problema.

Il-Viċi Sindku semma u qal li Triq il-Fieres qed terġa żżomm l-ilma minkejja ċ-ċertifikat tal-perit.

Is-Sur Carbone talab update fuq il-permessi tal- katakombi, mtgħali  u pjazza zernieq. Hu kompla u qal li jista jkollna mandat ta' nibizzjoni minn għand is-sidien ta' Pjazza Zernieq u anke ta' l-imtgħali.

5.1.3. Is-Sur Carbone talab sabiex inkellmu lil Louis Borg il-Kuntrattur tal-Eco Group sabiex jgħidilna meta ser igibilna il-ħdax il-fitting ta' l-art li jonqosna.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Is-Sur Mizzi beda biex qal li iz-Zumba bdejna u għandna żewġ klassijiet. Hu qal li miexi kollox sewwa u għandha l-kontijiet kollha Anthea Vella.

5.2.2. Is-Sur Mizzi qal li rigward il-bir tas-Sinjorina Madalena Mizzi irridu naraw kif ser nirranġawla għaliex saritielha ħsara fih minn meta beda x-xogħol fuq il-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jkellem lil Brian sabiex jinżel fil-bir biex jara x'hemm u jagħmel it-tiswijiet li hemm meħtieġa.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Nadia Zammit**

5.3.1. Is-Sinjorina Nadia Zammit qalet li fuq il-kwistjoni tal-Proġett Torella mal-EUPA ser tirranġa kollox qabel hi tispiċċa mil-kariga ta' Kunsilliera.

**5.4. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.4.1. Is-Sinjura Rose Roberts ippreżentat ukoll risposta ta' artiklu tagħha sabiex jidher fuq il-gazzetti. Dan qiegħed jiġi mehmuż ma' dawn il-Minuti.

**6. Approvazzjoni ta' ordnijiet ġodda.**

6.1 Performance Bonus – Ġie miftiehem li appena jsiru l-performance appraisals u jintbgħatu lil Kunsilliera bl-email japprovaw l-ammont tagħhom kif ġej :

Ranier Busuttil 10%

Antonia Desira Demicoli 6 %

Anthea Vella 6%

6.2. Leave tas-Segretarju – Is-Segretarju ippreżenta il-lista ta' kemm jonqsu leave sabiex tgħaddi għall-approvazzjoni tad-Dipartiment. Is-Segretarju spjega li hu fl-aħħart as-Sena 2011 hu kien jonqsu x'jieħu 26 gurnata. Kien hemm qbil unanimu għal dan u ġie suġġerit li il-leave jittieħed kemm jista jkun matul is-sena biex nevitaw li nġedduh.

**6. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-Pagamenti ġew approvati apparti li s-Sur Mizzi qal li hu ser jastjeni fuq pagament numru 52.

**7. Affarjiiet oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra

**8. Konklużjoni**

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**